MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 260/2009

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita’ numru 258269 ittra “M”, bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera SAMSUNG ELECTRONICS CO. LTD., ta’ Yeongtong-gu, Maetan-Dong, No. 416 Suwon-Si, Gyeonggi Province 443-742, Repubblika tal-Korea.**

**vs.**

**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno li b’ digriet tad-9 ta’ Dicembru 2009 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil SOCOTU P/C STE ZAKIA BEN ALI TA’ 4011 Hammam Sousse, Tunezija.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera SAMSUNG ELECTRONICS CO. LTD., ta' Yeongtong-gu, Maetan-Dong, No. 416 Suwon-Si, Gyeonggi Province 443-742, Repubblika tal-Korea datat 16 ta' Marzu 2009 fol. 1 tal-process fejn ippremetta:-

Illi s-socjeta' attrici, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f'Malta, in konnessjoni ma' prodotti elettronici u ta' *information technology* fosthom prodotti tat-telefonija, kif ukoll ma' accessorji ghal dawn il-prodotti, hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha u in konnessjoni mal-istess.

Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-*trademarks* taghha.

Illi fost ohrajn, is-socjeta' attrici ghandha validament irregistrati bhala *Trademarks* Komunitarji (CTM) il-markji "SAMSUNG" (kelma, numru 001877901) u "SAMSUNG" (figurattiva, numru 000506881), u dan f'kull kaz *inter alia* dwar prodotti elettronici, prodotti ta' *information technology* fosthom prodotti tat-telefonija, kif ukoll dwar accessorji ghal dawn il-prodotti.

Illi s-socjeta' attrici hija "detentrici ta' dritt" u tinsab registrata mal-Kontrollur tad-Dwana ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi fosthom tal-***Council Regulation (EC) No 1383/2003*** *concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights*, biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 1, 2 1.(a), 9, 10, 16** u **17** tal-istess ***Council Regulation (EC) No 1383/2003*** fost ohrajn.

Illi recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-**artikolu 1 tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003*** hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issospenda r-rilaxx tal-*container* FSCU 6764129 kontenenti *inter alia* kwantita' ta' prodotti u cioe` *mobile phone accessories* (*chargers, covers, headsets* u *batteries*), liema prodotti - kif ukoll materjal ta' ippakkettjar relattiv fil-kaz tac-*chargers* u tal-*batteries* - ilkoll fihom sinjali "SAMSUNG" bhal dawk tas-socjeta' attrici prezentati b'mod prominenti, liema artikoli kollha waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana waqt procedura ta' trasbord in transitu ghar-rilaxx eventwali favur *consignee* / importatrici ndikata fuq il-polza ta' karigu relattiva bhala SACOTU P/C STE ZAKIA BEN ALI, ta' 4011 Hamman Sousse, Tunezija. L-istess Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali.

Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba matul ix-xahar ta' Frar 2009 u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta' intellettwali. Min-naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta' attrici kopja ta' dokument relattiv ghal dan il-kaz intitolat *DRAFT BILL OF LADING* fejn, fil-parti relattiva ghall-*consignee* hemm indikata SACOTU P/C STE ZAKIA BEN ALI, ta' 4011 Hamman Sousse, Tunezija.

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox *18,950 mobile phone charges, 3,900 mobile phone covers, 2000 mobile phone headsets u 4,750 mobile phone batteries,* jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u *oltre* d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru 4 ta' dan ir-rikors, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikolu 9 1. (a) u *(b) tal-Council Regulation (EC) No. 40/94 on the Community Trade Mark*,** kif ukoll

id-disposizzjonijiet rilevanti tar-**regolament numru 9 tal-Avviz Legali 233 tal-2003.**

Illi l-Kontrollur tad-Dwana ppreffigga terminu sas-16 ta' Marzu 2009 (inkluza) sabiex is-socjeta' attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz, u dawn il-procedimenti gudizzjarji civili qed jigu prezentati *entro* dan l-istess terminu;

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

lli ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjeta` ntimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'*mobile phone accessories* (*chargers, covers, headsets* u *batteries*), liema prodotti - kif ukoll materjal ta' ppakkettjar relattiv fil-kaz tac-*chargers* u tal-*batteries* - ilkoll fihom sinjali "SAMSUNG" bhal dawk tas-socjeta' attrici prezentati b'mod prominenti, u kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien fetah il-*container* FSCU 6764129 u ssospenda r-rilaxx tal-istess, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta' attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tal-konvenuta.

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni.

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet

talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 24 ta' Frar 2009 kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok "A" sa Dok. "F" kif jidhru minn fol. 6 sa fol. 46 tal-process.

Rat id-digriet datat 9 ta' Dicembru 2009 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita` intimata.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti biex jinstema fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` rikorrenti sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat ir-risposta mahlufa tal-kuraturi deputati datata 26 ta' Jannar 2010 a fol. 82 tal-process fejn eccepew:-

1. Illi l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti u jirriserva li jissottometti risposta ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebita (Dok "A") tal-kuraturi deputati (fol. 82 u 83).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Frar 2010 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Marzu 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li s-socjeta' attrici hija proprjetarja tal-markji "SAMSUNG" kif indikat fit-tielet paragrafu tar-rikors guramentat u tali markju huwa registratat bhala Trademark Kommunitarju kif jirrizulta minn Dok. "B" u "C".

Illi jirrizulta li l-Kontrollur tad-Dwana fit-13 ta' Frar 2009 issosspenda r-rilaxx tal-*container* FSCU 6764129 kontenenti *inter alia* kwantita' ta' prodotti u cioe` *mobile phone accessories* (*chargers, covers, headsets* u *batteries*), liema prodotti - kif ukoll materjal ta' ippakkettjar relattiv fil-kaz tac-*chargers* u *batteries* - ilkoll fihom sinjali "SAMSUNG" bhal dawk tas-socjeta' attrici prezentati b'mod prominenti, liema artikoli kienu jikkonsistu b'kollox *18,950 mobile phone chargers, 3,900 mobile phone covers, 2,000 mobile phone headsets u 4,750 mobile phone batteries*, li kollha waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana waqt procedura ta' trasbord in transitu ghar-rilaxx eventwali favur *consignee*/importatrici ndikata fil-polza ta' karigu relattiva bhala SACOTU P/C STE ZAKIA BEN ALI, ta' 4011 Hamman Sousse, Tunezija (Dok. "D"). Dan jirrizulta mill-affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius datat 20 ta' Marzu 2009 (Dok. "LC 0 4").

Illi l-Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali u minn ezami li sar mis-socjeta' attrici rrizulta li l-istess oggetti kienu fil-fatt kontrafatti kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni ta' Jun, Seoung Kook datata 19 ta' Marzu 2009 (Dok. "LS 02") u ghalhekk jirrizulta li l-allegazzjonijiet gew ilkoll ippruvati, ma humiex kontestati u ghalhekk salv li din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss inkwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, u filwaqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, tilqa' t-talbiet l-ohra attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'*mobile phone accessories* (*chargers, covers, headsets* u *batteries*), liema prodotti - kif ukoll materjal ta' ppakkettjar relattiv fil-kaz tac-*chargers* u tal-*batteries* - ilkoll fihom sinjali "SAMSUNG" bhal dawk tas-socjeta' attrici prezentati b'mod prominenti, u kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien fetah il-*container* FSCU 6764129 u ssospenda r-rilaxx tal-istess, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawk l-oggetti hawn msemmija, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tal-konvenuta.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba ghaliex ma hemmx bzonn taghha.

4. Tordna li l-entita' konvenuta tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talba attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-entita' konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------